# Animazzjoni - It-Tieni Ħadd tal-Għid (Sena Ċ)

## Dħul:

F'dan it-Tieni Ħadd tal-Għid, filwaqt li għadna nifirħu bil-qawmien mill-mewt tal-Mulej, il-liturġija tistedinna sabiex inħarsu lejn il-ħniena bla tarf ta' dan Alla tagħna. Din il-ħniena li lilna fdietna u tatna ħajja ġdida.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Il-Liturġija tal-Kelma tal-lum, tagħmel enfasi fuq it-turija u l-qawwa ta' Ġesù. L-Appostli wara l-qawmien ta' Ġesù kienu jmorru bi ħġarhom jgħallmu u jfejqu lill-bnedmin u dan kollu kienu jagħmluh f'isem Ġesù. Wara li qam mill-imwiet Ġesù mar fost l-appostli u San Tumas stqarr li Ġesù hu tassew il-Mulej Alla tagħna.

Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Faħħru 'l Mulej, għaliex hu tajjeb!

## Offertorju:

Quddiem dan il-misteru hekk kbir tal-Għid tal-Mulej, in-nisrani għandu jesprimi l-ferħ u jrodd ħajr lil Alla li tiegħu huwa s-sid.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Jeħtieġ li aħna ma nkunux bnedmin ta' fidi żgħira iżda għandna nemmnu bis-sħiħ li Ġesù tassew ingħata għalina biex jeħlisna mid-dnub.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.